# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 63/2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Justin CHETCUTI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Justin CHETCUTI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 70093M) li ġie mixli talli:

   Nhar it-2 ta' Novembru 2016 fid-disgħa u kwart ta' filgħodu u fis-siegħat ta' qabel:

   1. Ikkaċja jew ipprova jikkaċja, jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt fl-ewwel skeda tal-liġi sussidjarja 549.42 u ċjoe' booted Eagle (Hieraaetus pennatus) u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(a) tal-Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

   2. U aktar talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċja, jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur billi uża gass, jew apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasfur u dan bi ksur ta-regolament 7(1) tal-Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi waqt li kien qiegħed jonsob jew jikkaċja, kellu fil-pussess tiegħu gass jew apparat elettriku jew elettroniku speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasfur u dan bi ksur tar-regolament 7(2) tal-Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi biegħ, offra għall-bejgħ, ġarr, kien fil-pussess, ikkaċja jew uża, importa jew iffabrika xi skartoċċ ikkargat b'xi ċomb ta' djametru akbar minn 3.3mm ta' għasafar u dan bi ksur tar-regolament 7(1)d tal-Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement issoprimi jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat u dan bi ksur tal-Artikolu 111(2)d tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sar reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Vella LL.D. nhar l-24 ta' Ottubru 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat CHETCUTI ħati tal-ewwel ħames imputazzjonijiet kif dedotti kontrieh u kkundannatu għal sena priġunerija u multa ta' ħamest elef Ewro kif ukoll orndat ir-revoka permanenti tal-liċenzji. Il-Qorti lliberat mis-sitt imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Justin CHETCUTI appella minn din is-sentenza, fejn talab lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjaratu mhux ħati tas-sitt imputazzjoni u lliberatu minnha, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel ħames imputazzjonijiet u dan billi tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah minnhom jew fin-nuqqas ta' dan tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena iktar ekwa u ġusta u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. L-ewwel Qorti naqset milli tirrekordja d-depożizzjoni tax-xhieda li ddeponew fil-proċeduri. Għalhekk ikun opportun illi l-Qorti tal-Appell terġa' tisma' x-xhieda kollha mill-ġdid. Jiġi rilevat ukoll il-fatt li l-każ kontra l-appellant suppost tmexxa bi proċedura sommarja u dan kellu jfisser allura li x-xhieda jinstemgħu kollha f'seduta waħda iżda kien hemm diversi seduti sabiex il-Prosekuzzjoni tressaq ix-xhieda tagħha. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati ma mxietx mal-proċedura preskritta mil-Liġi.

   Barra minn hekk, l-appellant iġib a konjizzjoni ta' din il-Qorti li l-verbali tas-seduti mhux kollha huma nseriti u lanqas ir-ritratti esebiti ma huma ffirmati mill-Maġistrat li ppresjeda. Għaldaqstant għandhom jiġu sfilzati. Anke' fuq il-fatt biss li l-verbali ma kinux inseriti u li għalhekk din il-Qorti mhiex f'pożizzjoni li tkun taf min xehed, din il-Qorti għandha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tal-appellant u tordna l-atti jerġgħu jintbgħatu isfel sabiex l-appellant ma jiġix imċaħħad mill-benefiċċju tad-doppio esame.

ii. Apprezzament żbaljat ta' provi prodotti. Il-Qorti tal-Maġistrati lanqas setgħet issib ħtija fl-imputat għaliex hemm kunflitt kbir fil-provi prodotti u l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Is-sejbien ta' ħtija huwa wieħed unsafe and unsatisfactory. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati x-xhieda tal-Prosekuzzjoni lanqas qablu bejnithom f'dak li qalu. Waħda mill-ħafna inkonsistenzi hija għax filwaqt li PC 220 stqarr li l-ajkla kienet waqgħet ftit passi 'l bogħod minn fejn kien jinsab hu, mill-aerial photo tal-area fejn waqgħet it-tajra hekk kif esebita mill-membri tal-Birdlife, jidher li l-membri tal-Birdlife u l-Pulizija kienet jinsabu diversi metri 'l bogħod minn fejn waqgħet it-tajra.

   Barra minn hekk, xhud imressaq mill-Pulizija fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Jannar 2017 qal li l-appellant kien l-uniku kaċċatur f'dawk l-akwati tar-Rabat iżda għall-kuntrarju ta' dan, kemm mit-timeline esebita mill-membri tal-Birdlife kif ukoll minn dak li qalu xhieda oħrajn, dakinhar ta' meta intlaqtet l-imsemmija tajra kienu nstemgħu diversi tiri minn bnadi differenti. Fil-fatt saħansitra ġie nnutat li kienu ntlaqtu tiri oħra qabel din it-tajra. Għalhekk jidher li hemm kunflitt ċar bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess.

   Il-Prosekuzzjoni wkoll naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-appellant li spara lill-ajkla. In oltre, jiġi rilevat li l-apprezzament tal-provi mgħandux isir b'mod spezzatat iżda l-provi għandhom jiġu analizzati fl-assjem tagħhom. L-aerial photo tal-Birdlife jitfa' dubji serji jekk kienx verament l-appellant illi spara fuq l-ajkla minħabba l-fatt li kemm il-Pulizija kif ukoll tal-Birdlife kienu jinsabu diversi metri 'l bogħod kemm minn fejn waqgħet it-tajra kif ukoll minn fejn raw persuna mingħajr flokk li allegatament kien l-appellant. Di piu' jidher ukoll li fejn raw persuna mingħajr flokk allegatament l-appellant għal fejn instabet it-tajra l-milquta hemm ukoll distanza kbira li tagħmilha impossibbli li persuna tispara u twaqqa' tajra. Minkejja l-fatt li l-membri tal-Birdlife raw biss persuna mingħajr flokk, dakinhar l-appellant ma kinx l-uniku kaċċatur. Skont ir-rapport tal-Birdlife, fil-08.55 hours, u ċjoe' qabel ma seħħ l-allegat reat, it-tim innota diversi tiri jiġu sparati fid-direzzjoni tal-

ajkli li bdew itiru fl-akwati u mill-provi jirriżulta li kienu nstemgħu diversi tiri. Barra minn hekk, ħadd mix-xhieda ma raw lill-appellant jispara la fid-direzzjoni tal-ajkla u lanqas fil-viċinanzi tal-istess ajkla u għaldaqstant lanqas din ma ġiet sodisfaċentement ippruvata. Li kieku vera kien l-appellant jispara ċertament li l-membri tal-Birdlife kienu jġibu dan fil-filmat għax kienu qedin jiffilmjaw qabel intlaqtet it-tajra.

Iż-żewġ iskrataċċ li ġew elevati mill-Pulizija bl-edba mod ma jġibu xi prova sodisfaċenti li filfatt kien l-appellant li spara fuq it-tajra. L-ewwelnett dawn l-iskrataċċ ġew elevati fis-18.00 hours u cioe disa' siegħat wara li seħħ l-allegat reat. Minkejja li hemm ritratti esebiti li juru lill-appellant jarmi dawn l-iskrataċċ lanqas dan ma ġie ppruvat għaliex minn imkien ma tirriżulta li l-persuna fir-ritratti hija l-appellant. Meta l-iskrataċċ ġew eżaminati, l-impronta li kien hemm fuqhom ma qablux ma' tal-appellant. Barra minn hekk, l-iskrataċċ elevati, skont rapport ta' esperti, lanqas ma kienu ġew użati iżda kienu għadhom magħluqin. Peress li dawn l-iskrataċċ kienu għadhom biċ-ċomb ġo fihom ma setgħux ġew sparati mill-appellant u għalhekk ma setax jinstab ħati li pprova jaħbi t-traċċi tar-reat taħt l-imputazzjoni numru 5.

L-istaġun tal-kaċċa kien miftuħ u għalhekk l-appellant ma kien qiegħed jikser l-ebda regola meta kien qiegħed jikkaċja. U iktar minn hekk fiċ-ċintorin li sabhulu ma' qaddu ma kinx hemm skrataċċ b'dijametru akbar minn dak permissibbli. Minn rapport xjentifiku ma ġiex ippruvat li d-dijametru tal-iskrataċċ kien ikbar minn 3.3mm. Għalhekk lanqas seta' jinstab ħati tar-4 imputazzjoni. U għalhekk lanqas il-mens rea sabiex jikkaċja tajr tal-priża ma tissussisti.

Rigward is-senter, ma saritx prova tal-konnessjoni tiegħu mal-isparatura fuq it-tajra u lanqas ma saru testijiet sabiex jiġi determinat jekk is-senter kienx għadu kemm ġie sparat u lanqas ma saru testijiet ta' gunshot residue fuq l-appellant sabiex jiġi determinat jekk kinx għadu kemm uża senter.

Għar-rigward tat-3 imputazzjoni, lanqas din ma rriżultat stante li l-ewwel net il-birdcaller lanqas biss instab fuq il-persuna tal-appellant iżda f'vettura b'numru ta' reġistrazzjoni EAH 318 liema prova li din il-vettura ssejjaħ lill-appellant ma nġabitx. Barra minn hekk, l-imsemmi bird caller kien mitfi u għalhekk ma setax intuża għall-kommissjoni ta' dan ir-reat.

iii. Piena erogata: il-Qorti tal-Maġistrati imponiet kemm multa kif ukoll priġunerija meta l-Liġi tagħti d-diskrezzjoni lill-Qorti li tapplika jew piena ta' ħabs jew multa kif jirriżulta minn ġurisprudenza lokali (Pulizija vs Nathaniel Agius, Pulizija vs. Rene Bezzina, Pulizija vs. Stephen Micallef, Il-Pulizija vs. Shaun Demicoli). Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 in oltre tipprovdi ukoll li persuna misjuba ħatja tista' wkoll tingħata servizz fil-komunita' bħala piena alternattiva u tiġi evitata l-multa u l-priġunerija. Il-piena għandha tkun mezz riformattiv (Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri).

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika**

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

---

**ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova l-każ tagħha lil hinn

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta’ sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa’ jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b’attenzjoni, b’diliġenza u b’mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa’ jippersisti dan id-dubju, jkun jista’ jingħad li dak il-livell ta’ sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista’ tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista’ tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

22. Illi f’dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta’ Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta’ xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista’ jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista’, ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for

admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet

personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali

setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Illi nhar l-1 ta' Novembru 2016, Birdlife Malta daħlilhom rapport li kien hemm qatgħa ta' ajkli tat-tip booted eagles li kienu sejrin jgħaddu minn fuq Malta fi triqithom lejn Sqallija u li fil-frattemp kienu sejrin ifittxu kenn ġewwa pajjiżna. Fuq din l-informazzjoni, il-Conservation Manager ta' Birdlife Malta, Nicholas Barbara bagħat jinforma lill-awtoritajiet Maltin sabiex l-għada filgħodu jorganizzaw patrols fiż-żona ta' Tal-Virtu, Rabat, u l-madwar minħabba l-possibilita' ta' kaċċa illegali. Dakinhar tat-2 ta' Novembru 2016, membri tal-Birdlife, fosthom Paolo Lago Barriedo u Janina Laurent flimkien mal-Conservation Manager Nicholas Barbara u numru ta' volontarji oħra, ippożizzjonaw ruħhom fl-imsemmija akwati sa minn sbieħ il-għodwa sabiex jissorveljaw l-ajkli u jgħassu għal xi possibilita' ta' kaċċa illegali. Nicholas Barbara, flimkien mat-team tiegħu, ippożizzjonaw ruħhom in-naħa tax-Xagħra tal-Isqof, filwaqt li Paolo Barriedo u Janina Laurent kienu qiegħdin fl-inħawi ta' Tal-Virtu' u kien hemm anki team ieħor ippożizzjonat fl-inħawi tal-Buskett u Tas-Salib tal-Għolja. Dawn kienu kollha armati bi strumenti bħalma huma video cameras u binoculars sabiex ikollhom viżwal aħjar taż-żona li kienu qiegħdin jissorveljaw u normalment kienu jkunu akkumpanjati wkoll minn xi uffiċjali tal-Pulizija tal-ALE, kif fil-fatt ġara dakinhar.

30. Għall-ħabta ta' xi d-disgħa ta' filgħodu, l-ajkli kienu osservati ħerġin mill-bejtiet tagħhom u ftit tal-ħin wara biss, instemgħu xi sparaturi fid-direzzjoni tal-ajkli. Dak il-ħin il-membri ta' Birdlife Malta ċemplu lill-Pulizija tat-Taqsima ALE li nzertaw kienu wkoll qegħdin jagħmlu ronda fl-akwati ta' Tal-Virtu' fuq struzzjonijiet sabiex jissorveljaw iż-żona għall-kaċċa illegali kontra l-imsemmija booted eagles. Il-Pulizija niżlu bil-vettura tagħhom ġewwa l-wied u kif ipparkjaw il-vettura semgħu tlett tiri oħra u waqgħet ajkla li laqtet is-saqaf tal-vettura tal-Pulizija qabel spiċċat waqgħet fil-ħamrija ġo għalqa fil-viċin fejn kien hemm miżrugħ xi pastard.

31. Minnufih il-Pulizija ħarġu mill-vettura u bdew it-tfittxija tagħhom għall-persuna li setgħet sparat fuq dik l-ajkla fejn ftit tal-ħin biss wara li bdew mexjin lejn l-akwata ta' minn fejn instemgħu t-tiri, is-Surġent 1141 Noel Tanti ġie wiċċ'imbwiċċ ma' persuna li kienet liebsa flokk aħdar li s-surġent għaraf bħala Branco Fenech u ċjoe persuna magħrufa mal-Pulizija għall-kaċċa u nsib illegali. Sadanittant, PS 1141 ikkonfronta lil Branco Fenech u staqsieh x'kien qiegħed jagħmel hemmhekk fejn għad li ma kellux snieter fuqu, is-surġent kien ġieh suspett li setgħet kienet il-persuna li kienet sparat fuq dik l-ajkla. Il-Pulizija lemħu wkoll vann ta' kulur aħmar bin-numru ta' reġistrazzjoni EAH 318 ipparkjat fil-wied fejn wara li għamlu l-verifiki tagħhom irriżulta li kien ta' ċertu Justin CHETCUTI u ċjoe' tal-istess persuna indikata minn Branco Fenech bħala dik il-persuna li kienet sparat fuq l-ajkla. Hekk kif il-Pulizija ċemplu lis-sid ta' dik il-vettura tfaċċa fuq il-post persuna mingħajr flokk imma bi flokk abjad marbut ma' qaddu u fl-istess waqt PS 1141 irċieva telefonata mingħand il-membri tal-Birdlife li kienu nfurmawh li kellhom filmat li juri persuna mingħajr flokk u bi flokk abjad marbut ma' qaddu armat b'senter li kienet dehret ħierġa mill-awkata ta' fejn kienu nstemgħu t-tiri ftit wara li ntlaqtet l-ajkla. Is-Surġent tella' lil Justin CHETCUTI miegħu fejn kienu qegħdin stazzjonati tal-Birdlife Malta u ra li dik il-persuna tal-filmat kienet l-istess waħda li hu kien rikkeb fil-vettura tiegħu u ċjoe' Justin CHETCUTI.

32. Fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Pierguido Saliba, il-Pulizija żammew lil Justin CHETCUTI arrestat b'rabta ma' dan l-inċident u iktar tard ittieħed fil-kwartieri tal-Pulizija fejn l-imsemmi Spettur, fil-preżenza tas-suspettat CHETCUTI, ta' Nicholas Barbara tal-BirdLife Malta kif ukoll ta' xi uffiċjali oħra tal-Pulizija, ra il-filmat li kienu rrekordjaw aktar qabel tal-Birdlife. Minħabba li fil-filmat Justin CHETCUTI deher jarmi xi ħaġa minn idejh għal ġo għalqa fl-akwati ta' minn fejn kienu nstemgħu dawk it-tiri, l-Ispettur bagħat lill-Pulizija fuq il-post sabiex jagħmlu tfittxija. Il-Pulizija sabu żewġt iskrataċ, wieħed aħmar u l-ieħor iswed u rritornawhom issiġillati għal analiżi forensika.

33. Saru wkoll xi searches fil-vann ta' lewn aħmar li kien instab ipparkjat u l-Pulizija elevaw bird caller **camouflage** minn ġo fih kif ukoll senter tal-għamla Beretta bis-serial number A22318L, tnejn u ħamsin skartoċċ, liċenzja ġenerali, ktieb tal-kaċċa, riċevuta tal-armi, telefon ċellulari tal-marka Samsung ta' lewn abjad, żewġ torches, ir-remote control tal-imsemmi bird caller, radju tal-kaċċaturi kif ukoll suffara li tintuża mill-kaċċaturi. Saru wkoll searches fir-residenza ta'

CHETCUTI minn fejn elevaw ukoll senter ieħor u ssiġġillaw xi vettrini. Sussegwentement, nhar is-3 ta' Novembru 2016, Justin CHETCUTI tressaq il-Qorti b'rabta ma' dan l-inċident.

## Ikkunsidrat

**Analiżi tal-preġudizzjali tan-nullita' minħabba irregolarita' fil-proċedura adoperata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaliex ma ġietx segwita l-liġi.**

34. Il-preġudizzjali tal-appellant jistgħu jiġu miġbura f'erba' punti:
i) fuq in-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tirrekordja d-depożizzjoni tax-xhieda kollha mismugħa;
ii) fuq in-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tinserixxi l-verbali tas-seduti kollha li saru quddiemha b'mod tali allura li lanqas il-Qorti tal-Appell ma hija f'pożizzjoni li tiddetermina min kienu dawk ix-xhieda illi xehedu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta); i
iii) fuq il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonċediet diversi seduti għall-provi tal-Prosekuzzjoni u dan minkejja s-sommarjeta' tal-kawża in kwistjoni; u
iv) fuq in-nuqqas tal-Maġistrat li jiffirma d-dokumenti u r-ritratti kollha esebiti fil-każ bil-konsegwenza li dawn għandhom jiġu hekk sfilzati.

35. B'rabta mal-ewwel preġudizzjali, issir referenza għall-Artikolu 376 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:

> (1) Il-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur iniżżel-
> (a) kull eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti, jew ta' inammissibbiltà jew estinzjoni ta' azzjoni, jew ta' inammissibbiltà ta' prova kif ukoll kull digriet li bih tiġi miċħuda dik il-prova; u
> (b) is-sustanza tax-xiehda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu tal-kawża, meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba.
>
> (2) In-notamenti tax-xiehda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti.
>
> (3) In-nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma jagħmilx null il-proċediment; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk

ikun jinħtieġ, f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-disposizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu.

36. Minn qari tas-subinċiż (1)(b) dan l-artikolu jirriżulta li f'każijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa diskrezzjonali fuq dik il-Qorti jekk tirrekordjax bil-miktub is-sustanza tax-xhieda li jkunu ddeponew quddiemha salv f'dawk l-istanzi li ssirilha talba f'dan is-sens mill-partijiet u l-Qorti jkun hekk jidhrilha li jkun xieraq li tilqa' din it-talba. In-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati li ma tagħmilx notamenti tax-xhieda li jkunu ddeponew quddiemha ma jannullax il-proċediment u lanqas ma jimpedixxi lill-partijiet li jerġgħu jipproduċu l-istess xhieda fi stadju ieħor tal-kawża, inkluż kwindi fi grad ta' appell.

37. Għalkemm, minħabba ż-żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Maġistrati illum il-ġurnata huwa essenzjali li dik il-Qorti tirrekordja d-depożizzjoni tax-xiehda li jixhdu quddiemha, mill-banda l-oħra, in-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tniżżel is-sustanza tax-xhieda li ddeponew quddiemha f'din il-kawża ma jwassalx għan-nullita' tal-proċeduri. Del resto l-anqas ma jidher li saret talba mill-partijiet sabiex din tiġi hekk irrekordjata. In oltre dawk il-persuni li kienu mniżżla fil-verbali magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala xhieda prodotti mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ilkoll ħadu l-pedana tax-xhieda quddiem din il-Qorti u jidher li xehdu quddiemha. Għalhekk, anki din il-preġudizzjali qegħda tiġi miċħuda.

38. Biss jerġa jiġi mtenni li fir-realta ġudizzjarja tal-lum, fejn għal diversi raġunijiet li dil-Qorti mhux se tidħol fihom f'din l-istanza minħabba raġunijiet ta' ekonomija tal-ħin u l-ġudizzju, il-Qorti tal-Maġistrati għandha tirrekordja d-deposizzjoni tax-xiehda li jkunu xehdu quddiemha. Imbagħad jekk ma jsir ebda appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati din ir-reġistrazzjoni tiġi mħasra. Jekk isir appell minn dik is-sentenza, ikunu biss dawk ir-reġistrazzjonijiet rilevanti għall-appell jiġu trasmessi lil din il-Qorti. B'hekk jiġi frankat ħafna ħin u ħela ta' riżorsi inutli.

39. In kwantu għat-tieni preġudizzjali, ma jirriżultax li hemm xi verbal nieqes hekk kif kull verbal isegwi dak tas-seduta preċedenti u fih imniżżel ukoll kemm dak li jkun sar jew dak li ma jkunx sar f'dik is-seduta, kif ukoll id-data tas-seduta ta' wara. Jirriżulta wkoll li x-xhieda kollha li ddeponew f'kull seduta ġew imniżżla fil-verbal li

jikkorispondi għad-data tas-seduta ta' meta x-xhud ikun hekk iddepona. Kwindi, din il-Qorti ma tara l-ebda irregolarita' f'dan is-sens u ma hemm ebda bażi ta' nullita'. Għalhekk, din il-preġudizzjali qegħda tiġi miċħuda.

40. Għal dak li jirrigwarda t-tielet istanza ta' nullita' lamentata mill-appellant, din il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni taqra hekk : -

> Meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.

41. Huwa paċifiku li permezz ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi, il-leġislatur kellu f'moħħu li jissalvagwarda dik l-ispeditezza u diliġenza li tirrikjedi kawża sommarja minn dewmien inutli u kapriċċjuż. Dan għaliex kemm-il darba l-proċeduri sommarji jiġu mtawla inutilment ma tintilifx biss in-natura sommarja tal-kawża iżda tintilef ukoll id-distinzjoni li tagħmel il-Liġi bejn dawn il-kawżi u dik is-solennita' li tirrikjedi kawża quddiem il-Qorti Kriminali. Madanakollu, l-Artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali ma jipprekludix lil Qorti tal-Maġistrati milli tiffissa seduti oħra għas-smiegħ tal-provi kemm-il darba jkollha raġuni valida sabiex tagħmel dan. L-ispirtu tal-Artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali kien spjegat mill-Imħallef Harding fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Frank Borg** deċiża nhar is-6 ta' Marzu 1954 liema dispożizzjoni tal-Liġi fiż-żmien l-imsemmija kawża kienet imniżżla fil-Kodiċi Kriminali bħala Artikolu 389 :

> **L-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliċement biex ikun impost fuq il-ġudikant l-obbligu tad-deċiżjoni sollecitata tal-kawża**[9], u għaliex ma hemm xejn li jimpedixxi li għal raġuni ġusta, anki mill-Qorti 'marter proprio', jerġgħa jinfetaħ is-smiegħ, sija pure biex tbiddel l-imputazzjoni..

42. Dan ikun ifisser allura li l-Qorti tal-Maġistrati f'kawża sommarja tista' tikkonċedi dawk id-differimenti li jkunu jinħtieġu mill-partijiet sabiex tingħalaq is-smiegħ tal-kawża iżda dan **f'każ biss ta' raġuni valida** fis-sens li jkun hemm raġuni valida għalfejn il-provi ma jistgħux jinstemgħu kollha fl-istess seduta b'mod li mbagħad ikun jifdal biss li l-Qorti tghaddi għas-sentenza. Hekk intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Margaret Urry** deċiża nhar is-17 ta' April 2001:

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

Hu appena neċessarju jingħad li differimenti **bla raġuni valida**[10], speċjalment f'kawżi sommarji, minbarra li jagħmlu ħsara għax il-provi ma jibqgħux friski f'moħħ ix-xhieda, jiffrustraw lil, u joħolqu inkonvenjent inġust għal, dawk ix-xhieda li ripetutament jiġu mħarrka għalxejn.

43. Dan huwa wkoll il-ħsieb ta' din il-Qorti kif preseduta, u kif rifless f'deċiżjonijiet preċedenti tagħha bħal fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Simon Vassallo** deċiża nhar il-25 ta' Frar 2021, fejn tirribadixxi li f'kull każ il-Prosekuzzjoni għandha obbligu li tressaq ix-xhieda kollha sabiex kemm jista' jkun jinstemgħu f'seduta waħda. Dan l-obbligu jinkombi wkoll fuq id-Difiża kemm -il darba din ukoll ikollha provi xi tressaq in sostenn tat-teżi tagħha. Biss pero', jekk xhud hekk imħarrek ma jitfaċċax għas-seduta dakinhar li huwa kien inġunt sabiex jixhed, ma jfissirx allura li l-Qorti tal-Maġistrati għandha tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża mingħajr ma tkun ikkonċediet differiment għas-smiegħ ta' dak ix-xhud. Hekk stqarret il-Qorti fil-kawża **Il-Pulizija vs. Peter Sammut sive Peter Ferdinans** fejn kienet iddeċidiet li:

> Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, **u dan anke f'kawzi sommarji**.[11] Ma hemm xejn fil-ligi u filgurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih (u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni f'xi stadju rrinunzjat ghall-Ispettur Cordina), il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.

44. Din il-Qorti tqis illi għad li din il-kawża kienet ta' natura sommarja, il-Prosekuzzjoni kellha ben sittax-il xhud x'jinstema', tlettax-il xhud minnhom jinstemgħu mal-ftuħ tal-provi tal-Prosekuzzjoni fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Jannar 2017. Jirriżulta li t-tlett xhieda l-oħra nstemgħu f'żewġ seduti oħra u ċjoe fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Frar 2017 u fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Ġunju 2017. Il-fatt innifsu li kien hemm dawn ix-xhieda kollha x'jinstemgħu jirrappreżenta ostakolu għas-sommarjeta' ta' din il-kawża. Verament li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ikkonċediet almenu differiment wieħed biss sabiex jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni; iżda tirrikonoxxi wkoll li każijiet ta' din ix-xorta jirrikjedu ħin fit-tul sabiex ix-xhieda jixhdu fuq filmati, ritratti u dokumenti esebiti.

---

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.
[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

45. Infatti, fil-kawża **Vassallo**, din il-Qorti kif preseduta wkoll irrikonxxiet li f'ċertu każijiet ta' natura sommarja, jistgħu jiġu konċessi xi differimenti - anki jekk preferibilment dawn għandhom ikunu mill-inqas - jekk dan ikun fl-aħjar interess tal-ġustizzja illi jsir. Wara kollox kultant jaf ikun fl-interess tal-imputat li jisma' ċerti xhieda f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-linja difensjonali minnu addottata tkun teħtieġ il-kontro-eżami ta' xi xhieda minn dawk imressqa mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk, din il-preġudizzjali qegħda tiġi miċħuda.

46. Fl-aħħar preġudizzjali l-appellant igħid li hemm xi dokumenti u ritratti minn dawk esebiti li ma kinux iffirmati mill-Maġistrat li ppresjeda l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), iżda jonqos milli jelenka liema minn dawn id-dokumenti u ritratti ma ġewx hekk iffrimati mill-Maġistrat. Madanakollu din il-Qorti jirriżultalha illi ma hemm ebda difett f'dan is-sens in kwantu kull dokument, ritratt u filmat kien hekk iffirmat mill-Maġistrat li ppresjeda l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Għalhekk, anki din il-preġudizzjali qegħda tiġi miċħuda.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

47. Il-każ tal-Prosekuzzjoni huwa mibni kemm fuq evidenza diretta kif ukoll fuq din indiretta, għalkemm, l-inċidenza tal-, u d-dipendenza fuq, l-evidenza indiretta hija aktar markata f'dan il-każ. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li din l-evidenza marbuta flimkien ma tħalli ebda dubju dettat mir-raġuni dwar il-fatt li dakinhar tat-2 ta' Novembru 2016, kien l-appellant il-persuna li sparat fuq il-**booted eagle** bi ksur tar-regolamenti dwar il-kaċċa li jipproteġu dawn it-tip ta' għasafar anki waqt staġun miftuħ għall-kaċċa. Il-Prosekuzzjoni tibbaża t-teżi tagħha prinċipalment fuq filmat miġbud mill-Membri tal-Birdlife Malta f'liema filmat jidher persuna maskili mingħajr flokk u bi flokk abjad imdawwar ma' qaddu miexi b'senter f'idejh ftit ħin wara li nstemgħu t-tiri li kaġun tagħhom l-ajkla inqatlet. Il-Prosekuzzjoni ssostni li dan il-filmat kien ikopri ż-żona b'mod tali li seta' anki jiġi eskluż li kien hemm persuni oħra jikkaċjaw f'dawk l-akwati fejn instemgħu dawn it-tiri. Skont dit-teżi tal-Prosekuzzjoni, anki l-iskrataċ li deher jarmi l-appellant ġewwa għalqa kienu tat-tip li jintużaw sabiex jiġu sparati tajr tal-priża u mhux għasafar komuni li kien permess li jiġu ikkaċjati f'staġun tal-kaċċa miftuħ, jew gallina.

48. Il-kwistjoni legali wara dan l-appell tistrieh fuq l-argument dwar kemm din it-teżi tal-Prosekuzzjoni tistireħ fuq provi sikuri, suffiċjenza probatorja li tissodisfa Qorti ta' Ġustizzja Kriminali fuq il-bażi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellant kien dak li spara t-tiri fatali li qatlu lill-ajkla de quo; kemm il-provi diretti u dawk ċirkostanzjali – b'mod univoku daqskemm b'mod sikur, **sure** fil-proċedura penali ingliża – iwaslu għall-konklużjoni waħda u waħda biss li kien l-appellant li spara t-tiri de quo u qatel din l-ajkla. Dan qiegħed jingħad in kwantu ebda xhud prodott quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew quddiem din il-Qorti ma stqarr b'mod inekwivoku li ra b'għajnejh lill-appellant jispara t-tliet tiri ta' senter li laqtu u qatlu lil din l-ajkla. Ix-xiehda riżultanti – inkluż dak il-filmat kruċjali għat-teżi tal-Prosekuzzjoni – ma jirrprendix lill-qattiel tal-ajkla fil-mument li spara fuqha, iżda jirriprendi z-zona fejn kienet qegħda ttir l-ajkla, iz-zona fejn din ġiet milquta u fejn din waqgħet. Il-filmat ma jurix aktar minn hekk dwar dak il-mument drammatiku. Juri iżda l-azzjoni li seħħet wara li kien hemm l-isparaturi u l-mument fejn l-ajkla dehret nieżla, nonche z-zona approssimattiva fejn din waqgħet mal-art, mejta.

49. B'hekk l-aktar mumenti drammatiċi u kruċjali għall-fini biex tkun tista' tinstab ir-responsabbilta kriminali f'dan il-każ tistrieh kważi esklussivament fuq evidenza indizjarja jew ċirkostanzjali. Huwa paċifiku li sabiex il-provi indizzjarji jwasslu għal sejbien ta' ħtija, kull ċirkostanza li tirriżulta mill-provi trid tiġi meqjusa mal-assjem ta' ċirkostanzi kollha l-oħra u ma tistax titqies individwalment. Dan il-prinċipju ġie ribadit minn din il-Qorti fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** deċiż nhar it-8 ta' Mejju 2014 fejn intqal:

> **Biex wieħed jistabilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova**[12] u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.

50. Il-prova indizzjarja kwindi trid tkun assolutament univoka u ma tistax tipponta f'direzzjonijiet oħra jekk mhux biss f'dik ta' ħtija fl-imputat għar-reati li jkun ġie akkużat bihom. Hekk irriteniet dil-Qorti

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

kolleġġjalment komposta fl-appell **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 : -

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[13]
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.

51. Minn eżami tal-filmat imsemmi 'Video 1' meħud minn Paolo Lago Barriedo u Janina Laurent mill-inħawi ta' fejn il-kappella ta' Tal-Virtu' u li ġie eżebit mill-Bird Life Malta a foljo 58 tal-atti proċesswali jirriżulta pruvat b'sikurezza, b'mod **sure**, li:

a) Dehret ajkla ħierġa minn siġra u ttir 'il fuq fis-sema f'punt qrib siġra tal-Ewkaliptu;
b) Ftit wara li dehret l-ajkla instemgħu xi tiri ta' arma tan-nar – mingħajr ma deher minn fejn ġew sparati dawn it-tiri - u madwar 00.18 it-tajra dehret tintlaqat u taqa' b'mod djagonali fid-direzzjoni tal-punt minn fejn kienet taret oriġinarjament;
c) Madwar żewg minuti u nofs wara li ntlaqtet it-tajra, dehret persuna maskili ġejja minn faċċata minn ġo għalqa li tiġi wara s-siġra tal-Ewkaliptu;
d) Din il-persuna kienet mingħajr flokk iżda bi flokk abjad imdawwar ma' qaddha u kellha wkoll ċintorin bi skarataċ imdawwar ma' qaddha;

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

e) Din il-persuna kellha wkoll senter f'idejha;
f) 02.36 din il-persuna dehret tbiddel id-direzzjoni 'l fejn kienet miexja u reġgħet qabdet il-passaġġ lura minn fejn kienet ġiet;
g) 03.11 din il-persuna dehret qiegħda titkellem fuq it-telefon ċellulari tagħha u baqgħet miexja 'l isfel lejn il-passaġġ minn fejn kienet ġiet;
h) 03.20 din il-persuna dehret qiegħda tarmi xi affarijiet li kienu f'idejha f'punt fejn kien hemm ħajt tas-sejjieħ li jagħti għall-għalqa u l-passaġġ minn fejn kienet dehret ġejja at 02.11;
i) 04.33 dehret persuna oħra maskili ġejja mid-direzzjoni fuq il-lemin tas-siġra tal-Ewkaliptu u din il-persuna kienet liebsa flokk ta' lewn ħadrani. Fuq jew madwar din il-persuna ma deher xejn li setgħa kien relatat ma' kaċċa fil-ħin li tidher fil-filmat. Din il-persuna dehret qiegħda tuża' t-telefon ċellulari u niżlet fl-inħawi ta' fejn kienet dehret nieżla l-persuna l-oħra.

52. Mill-filmati numri tlieta (3)[14] u erbgħa (4),[15] jirriżulta illi dik l-istess persuna li kienet liebsa flokk ta lewn ħadrani dehret titkellem b'mod animat ħafna ma' uffiċjal tal-Pulizija u dehret ukoll timxi medda twila ta' triq mal-istess waqt li kultant żmien tieqaf sabiex b'idejha tindika direzzjoni lill-uffiċjal tal-Pulizija.

53. Din il-Qorti tqis pruvat b'mod sikur li r-raġel li kellu flokk abjad imdawwar ma' qaddu kien l-appellant. Din l-identifikazzjoni setgħet issir mill-Pulizija kemm permezz ta' filmat miġbud minn Birdlife liema filmat ittieħed bl-użu ta' apparat li huma normalment ikunu mgħammra bih meta jmorru għal dawn is-sorveljanzi kif ukoll minn dak li l-Pulizija setgħet tara b'għajnejha stess meta tkelmet mal-appellant viċin tal-post fejn kienet instabet l-ajkla mejta. Il-mod ta' kif il-Pulizija waslu għall-identifikazzjoni tal-persuna ta' Justin CHETCUTI xehed dwaru PS 1141 Noel Tanti li jispjega kif meta niżel ifittex fil-wied wara li kienu nstemgħu t-tiri, ra vann ta' kulur aħmar ipparkjat. Qal ukoll li kienu ċemplulu l-Pulizija tal-ALE sabiex jinfurmawh li l-membri tal-Birdlife kellhom filmat ta' suspettat li kien qiegħed bla flokk u li kellu flokk abjad imdawwar ma' qaddu. Hekk kif ċemplu lil sid ta' dik il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAH 318 ġie ċertu Justin CHETCUTI li l-aspett tiegħu kien jaqbel mad-deskrizzjoni tas-suspettat kaċċatur li kienu rawh ftit qabel il-Pulizija tal-ALE. Jgħid li lil Justin CHETCUTI arrestah fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Pierguido Saliba wara li kien infurmah li l-persuna li dehret fil-filmat tal-Birdlife kienet effettivament dik il-persuna li kienet tfaċċat

[14] Meħud minn Paolo Lago Barriedo u Janina Laurent.
[15] Meħud minn Nicholas Barbara li kien fll-inħawi ta' Xagħra tal-Isqof faċċata ta' Tal-Virtu.

bħala sid il-vettura li nstabet fil-wied. F'paġna 188 i tax-xhieda tiegħu huwa jgħid hekk:

> Li nista' ngħidlek meta għidtlu ħa nagħmlu searches kkopera, fil-vann qalli fittex kkollabora magħna, ħallina nagħmlu s-search, meta għidtlu mintiex arrest għalissa għidtlu itla' fil-landrover ħa nara l-filmat sewwa jiena qabel ma nkomplu l-affarijiet.../..
>
> Meta kkonfermajt li huwa hu fil-filmat u hemm kollox għidtlu isma ħa ninforma l-Ispettur u naraw minn hemmhekk.

54. Għaldaqstant, l-identifikazzjoni tal-appellant saret permezz ta' filmat. In materja ta' identifikazzjoni meta din ma ssirx minn xhud okulari imma ssir permezz ta' ritratti u filmati, din il-Qorti hekk kif preseduta fil-kawża **Il-Pulizija vs. Massimo Chircop** deċiża nhar il-25 ta' Frar 2020 stqarret hekk:

> Dwar dan il-punt, fis-sistema proċedurali Ingliż, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija msejsa, il-**Blackstone's Criminal Practice 2019** għandu dan x'jgħallem :
>
> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In Kajala v Noble (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in Turnbull (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74.
>
> L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ inkwantu jammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali :

> just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225

55. Minn dan il-filmat, jirriżulta b'sikurezza li :

(a) l-appellant kien ġie identifikat pożittivament;
(b) bħala dak ir-raġel li kien qiegħed għall-kaċċa, armat b'senter;
(c) fil-ħin u f'post li kien jinsab fiz-zona ta' fejn dehret li kienet intlaqtet l-ajkla;
(d) l-appellant tfaċċa miexi, madwar żewġ minuti u nofs wara li seħħew l-isparaturi li qatlu l-ajkla;
(e) deher ukoll li f'mument minnhom jarmi żewġt oġġetti f'għalqa li kienet viċin (li wara rriżultaw li kienu skrataċ li kienu ikkargati iżda mhux sparati).

56. Bla dubju ta' xejn dawn huma provi li bilfors iqajmu suspetti kbar fl-appellant. Dawn huma provi ċerti li l-appellant kien qiegħed f'dik iż-żona jikkaċċja, tant li kien armat b'senter. Iżda mill-banda l-oħra, dakinhar tat-2 ta' Novembru 2016, l-istaġun tal-kaċċa kien miftuħ. U għalhekk l-appellant setgħa kien qiegħed iħuf f'dawk l-akkwati jikkaċċja bis-senter f'idu u b'żaqqu barra għal għasafar li l-kaċċa għalihom, f'dak il-mument u f'dak il-post ma kienetx illegali.

57. Il-kwistjoni fundamentali pero tibqa' : il-fatt li CHETCUTI kien dak ir-raġel armat b'senter, bi flokk imdawwar ma' qaddu, u li deher żewġ minuti u nofs wara l-isparaturi joħroġ minn passaġġ li jiġi fiż-żona fuq wara tas-siġra fejn l-aħħar dehret ttir l-ajkla u fejn huwa wkoll rema' żewġ skrataċ ikkargati iżda mhux sparati, jistgħu jitqiesu provi **beyond a reasonable doubt** li kien biss ħadd ħlief CHETCUTI li spara fuq dik il-ajkla : meta ħadd mix-xiehda prodotti ma raħ effettivament jispara fuq dik l-ajkla?

58. Minn diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni jirriżulta li dakinhar tat-2 ta' Novembru 2016 għal ħin tal-inċident u anki ftit qabel u ftit wara, instemgħu diversi tiri u jirriżulta wkoll li l-appellant ma kienx l-uniku wieħed li kien qiegħed jikkaċċja f'dawk l-inħawi. Huwa veru li l-filmati tal-Birdlife huma ċari u preċiżi f'dak li jiġbdu, iżda jibqa' l-fatt li dawn ikunu qegħdin jiġu miġbuda minn ċerta distanza. Dawn il-filmati juru b'ċerta grad ta' preċiżjoni xi jkun qiegħed iseħħ f'ċerti zoni iżda mhux possibbli għalihom li jiġbdu dak kollu li jkun qed jiġri f'dawk iz-zoni, b'dawk kollha li jkunu fuq il-post, u b'dak li kull min ikun qiegħed f'dak

il-post ikun qiegħed jagħmel. Per eżempju, il-Pulizija jsemmu li minbarra kaċċaturi kien hemm ukoll xi nassaba jew xi bidwi li kienu f'dawk iz-zoni. Iżda mill-filmati tal-Birdlife imkien ma jidhru dawn in-nassaba jew bdiewa f'dawk iz-zoni. Del resto dawn il-filmati tal-Birdlife f'dan il-każ l-anqas juru l-appellant jispara t-tiri fatali. U li kieku dawn kienu juru bi preċiżjoni u ċertezza min spara, din il-Qorti ma kienx ikollha għalfejn tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet fattwali u legali kollha.

59. Dan qiegħed jingħad għaliex allavolja l-filmat juri li ftit qabel li ġew sparati t-tiri li qatlu t-tajra in kwistjoni, ma deher ħadd fl-akwati. Naturalment, il-kaċċaturi, minn natura tal-mod kif issir il-kaċċa innifisha, jżommu lilhom infushom kemm jista' jkun mistoħbijin u normalment jilbsu lbies li jkun kapaċi jikkonfondihom faċilment mal-ambjent ċirkostanti.

60. F'dan il-każ, kif ingħad, ħadd mix-xiehda preżenti – la tal-Birdlife u l-anqas tal-Pulizija, ma setgħa jixhed li ra lil min spara t-tiri lejn l-ajkla, u l-anqas setgħu jixhdu b'sikurezza (sure) minn fejn ġew sparati dawn it-tiri. Setgħu jagħmlu ċerti kalkoli approssimattivi mnejn setgħu ġew sparati dawn it-tiri, iżda s-sikurezza hija nieqsa.

61. Minbarra li ma teżistix sikurezza mnejn ġew sparati t-tiri l-anqas ma teżisti sikurezza li minbarra l-appellant ma kienx hemm ħaddieħor preżenti miegħu, ħdejh jew fil-viċin tiegħu u li setgħa wkoll kien dak li spara. Dan qed jingħad minħabba l-fatt li kien hemm persuni oħra li kienu fil-viċinanzi u li ma ġewx miġbuda mill-filmati tal-Birdlife. B'hekk ma jistax jingħad b'sikurezza li ma kienx hemm ukoll ħaddieħor li seta' ma nqabadx mill-filmat li ħadu l-Birdlife u li kellu **vantage point** tajjeb sabiex jimmira, jispara u jolqot lil dik l-ajkla. Eżempju ieħor huwa l-fatt li f'dan il-każ għalkemm iz-zona ta' fejn intlaqtet it-tajra kienet relattivament ċara, il-post minn fejn saret l-isparatura ma jirriżultax daqstant ċar. Dan qed jingħad ukoll minħabba l-fatt li minn fejn intlaqtet it-tajra għal fejn din spiċċat waqgħet kien hemm ukoll ċerta distanza konsiderevoli. Tant li l-Pulizija jixhed li din it-tajra, hija u nieżla, laqtet is-saqaf tal-vettura li kienu fiha. U żgur li din il-vettura, dak il-ħin, ma kienetx viċin tal-post minn fejn kien l-appellant.

62. Kif intqal f'dan il-każ inġiebet prova relattivament ċara taz-zona fejn intlaqtet l-ajkla, iżda mhux daqstant ta' minn fejn ġew sparati t-tiri fatali. F'kawża bħal din fejn ħadd ma ra lill-kaċċatur jispara fuq l-ajkla, jew il-punt jew zona preċiża minn fejn ġew sparati t-tiri, il-

konklużjonijiet dwar mnejn telqu t-tiri fatali kienet waħda bażata fuq dak li x-xiehda tal-Prosekuzzjoni setgħu jassumu minn dak li raw fuq il-filmati. Iżda z-zona minn fejn setgħu ġew sparati t-tiri hija waħda relattivament estensiva. F'każ ta' din ix-xorta, il-Qorti ma tistax tistrieħ biss fuq l-impressjonijiet tal-persuni li jkunu qegħdin relattivament il-bogħod minn fejn tkun seħħet l-isparatura meta dawn ma jkunux raw b'għajnejhom min ikun dak li spara. F'każ ta' din ix-xorta li jkun jistrieħ prinċipalment fuq evidenza ċirkostanzjali, jridu jiġu eliminati kemm jista' jkun fatturi li jistgħu joħolqu dubji dwar min effettivament spara fuq din l-ajkla. Eżempju ieħor huwa li f'dan il-każ, il-Qorti ma għandhiex prova li biha tista' tikkonkludi b'sikurezza liema kien l-aktar post il-bogħod f'dik l-area li minnha setgħu ġew sparati t-tiri fatali b'mod li l-Qorti tkun tista' tnaqqas l-area minn fejn setgħu ġew sparati t-tiri biex dejjem tkun tista' tiffoka fuq zona jew zoni partikolari.

63. Huwa minnu li l-filmat tal-Birdlife jindika fejn ġiet milquta t-tajra. Iżda aktar minn hekk din il-Qorti kien meħtieġ għaliha tkun taf mhux biss min kien fil-qrib ta' dak il-post, imma wkoll fejn kien il-parti l-aktar il-bogħod biex tagħmel proċess t'esklużjoni. Il-fatt li l-appellant kien f'post qrib ta' fejn intlaqtet dik it-tajra kien fatt li kien indikattiv li kien ukoll jirrendih kandidat tajjeb għar-responsabbilta' f'dan il-każ. Iżda dan waħdu mhux biżżejjed. Dan ried jiġi magħqud ma prova li teskludi lil ħaddieħor li kien fil-viċinanzi wkoll – anke jekk ma nqabadx mill-cameras tal-Birdlife jew mill-Pulizija li marru fl-inħawi. Kemm kienet id-distanza massima li dawk it-tiri setgħu ġew sparati minnhom kienet prova li kienet teskludi xenarji oħra f'dan il-każ u li setgħu ikomplu jsaħħu t-teżi tal-Prosekuzzjoni.

64. Dan qed jingħad għaliex għalkemm Paolo Lago Barriedo jixhed b'kjarezza u b'ċertu fermezza li ma kien hemm ħadd fl-akwati li minnhom nstemgħu t-tiri, din il-Qorti tosserva li kemm il-wied in kwistjoni, kif ukoll iz-zona li fiha kien hemm il-focus tal-camera tiegħu, huma ta' dimensjoni li diffiċilment jista' jiġi kopert b'camera waħda jew tnejn. Il-viżwali li kellu Barriedo kienet tajba; iżda l-konfigurazzjoni tal-area ta' dak il-wied ma kienetx ħielsa minn ostakoli bħal siġar, ħitan u passaġġi f'diżlivell. Fi kliemu stess, għalkemm jerġa' jikkonferma b'ċertezza li fiż-żona minn fejn ġew it-tiri ma kien jidher ħadd, huwa ma jeskludix li seta' kien hemm iktar kaċċaturi fil-wied:

> Court: So Mr. Lago in this particular case, are you sure that there was no other hunter around when the shots were fired?

> Witness: In the area where the shots were fired yes. In the whole valley of Tal-Virtu of course there are hunters because the valley is really big area but in exactly the area where the bird was shot down no I did not see any other hunter.

54. U fil-fatt irriżulta li minkejja dak li qal Barriedo, fl-istess zona deher biċ-ċar u biċ-ċert li żgur kien hemm persuna oħra u li l-Pulizija identifikaw bħala Branco Fenech, li biex tikkomplika l-istorja, irriżulta li kien raġel magħruf mal-Pulizija fil-qasam tal-kaċċa illegali! Dan minbarra l-fatt li l-Pulizija semmew li ltaqgħu ukoll ma xi nassaba jew bidwi, li anqas ma ġew imsemmija mill-Birdlife jew dehru fil-filmati preżentati mill-Birdlife.

55. Branco Fenech xehed quddiem din il-Qorti, u li ma tistax ma tosservax li dan ix-xhud ta minn tal-inqas żewġ verżjonijiet kunfliġġenti tal-akkadut f'dawn il-proċeduri. Mill-NPS report jirriżulta li Branco Fenech kien avviċina lil PS 1141 u qallu li kien għadu kemm ra persuna maskili ftit imbaċċaċ li kien bla flokk u kellu flokk abjad marbut ma' qaddu jispara fuq l-imsemmija tajra. Jirriżulta wkoll li kien indikalu lil sid dik il-vettura u ċjoe' lil CHETCUTI bħala dik il-persuna li kien irrefera għaliha qabel li kienet sparat fuq l-ajkla. Issa, għalkemm l-NPS report huwa prova ta' dak illi jkun kiteb is-surġent, u mhux prova tal-kontenut tiegħu,[16] mill-filmati numru tlieta (3) u erbgħa (4) li jinsabu f'foljo 58 tal-atti proċesswali verament jidher li dik il-persuna liebsa l-aħdar u li ġiet identifikata bħala Branco Fenech, f'mument minnhom kien deher qiegħed jagħti xi indikazzjonijiet lill-Pulizija hekk kif kien stqarr mal-Pulizija skont l-imsemmi rapport.

56. Iżda meta imbagħad Branco Fenech ħa l-pedana tax-xhieda quddiem din il-Qorti, f'paġna 188v tax-xhieda tiegħu huwa qal li lil Justin CHETCUTI kien rah qabel l-isparatura iżda ma kienx rah jispara:

> Imħallef: Mela kif kont taf illi dak li kien qrib meta smajt it-tir kien hemm Justin?
> BF: Għax rajtu lilu, jispara ma rajtux.
> Imħallef: Lil Justin qabel l-isparatura rahtu?
> BF: Qabel l-isparatura rajtu imma ma rajtux jispara.
> Dottoressa: Mela ma rajtux jispara dak il-ħin, pero inti rajtlu xi affarijiet f'idejh?

---

16 Ara fost oħrajn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Andrew Pace deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2014.

BF: Is-senter normali
Dottoressa: Jiġifieri rajtu bis-senter. Apparti minn hekk wara li smajt l-isparatura rajt xi ħaġa inti?
BF: Le.

57. Dawn l-inkonsistenzi jġiegħlu lil din il-Qorti tiddubita mill-verita u l-ġenwinita ta' diversi partijiet mix-xiehda ta' Branco Fenech; u jġiegħluha taħseb ukoll għaliex Fenech forna dawn il-verżjonijiet konfliġġenti lil Pulizija – meta huwa kien ukoll jinsab qrib tal-post fejn ġiet milquta l-ajkla in kwistjoni. Din il-Qorti tistaqsi kemm huwa minnu dak li jgħid Branco Fenech meta jgħid li kien fuq il-post dakinhar tat-2 ta' Novembru minn sbieħ il-għodwa biex jiġbor il-plattini!? Huwa minnu li fil-filmat esebit jidher li CHETCUTI kien iktar qrib il-post minn fejn jidher li ntlaqtet l-ajkla, u Fenech jidher biss fil-filmat tal-Birdlife fil-mument li dan qiegħed jimmarka 04.33. Iżda, wara kollox Branco Fenech, li fil-bidu ma deherx fil-filmat tal-Birdlife, irriżulta li kien qrib ukoll fejn ġiet milquta l-ajkla. Del resto mhux ċar fejn kien Branco Fenech **<u>qabel</u>** ma deher fil-filmat : u jekk kienx qiegħed f'post strateġiku sabiex jispara u joqtol din l-istess ajkla jew jekk le – aktar u aktar jekk jgħid li huwa kien ra lill-appellant qabel l-isparaturi! Stante li ma ġiex pruvat b'sikurezza minn fejn ġew sparati t-tiri fatali din il-Qorti ma tistax teskludi jekk kienx Fenech li spara dawk it-tiri minn fejn kien jinsab hu meta ġew sparati.

58. Apparti li ma jirriżultax eżattament fejn kien Fenech fil-mument meta saru l-isparaturi, l-anqas ma jirriżulta jekk qabel ma deher fil-filmat u qabel ma ġie interċettat mill-Pulizija, Fenech kellux fuqu xi affarijiet relatati ma' kaċċa. Il-fatt hu li Fenech f'daqqa waħda feġġ u ltaqa' mal-Pulizija meta jidher li kien miexi f'direzzjoni lejn fejn spiċċat waqgħet l-ajkja; iżda l-Pulizija jixhdu li ma nvestigawhx oltre minn dak li deher lilhom dak il-ħin li tkelmu ma Fenech in kwantu dak il-ħin raw li ma deher li kellu xejn fuqu li kien relatat ma' kaċċa.

59. Iżda l-fatt li fuq il-persuna tiegħu ma kellu xejn marbut mal-kaċċa, ma jfissirx li fil-mument kruċjali meta ġew sparati t-tiri ma setgħax ukoll kien viċin aktar ta' fejn intlaqtet jew li ma kellux ukoll fuqu xi affarijiet relatati ma' kaċċa jew li ma kienx hu li spara lill-ajkla u li prova jitfa' l-ħtija fuq l-appellant. Branco Fenech jgħid kemm li kien ra lill-appellant kif ukoll jgħid li kien jaf li kien hemm il-Pulizija u tal-Birdlife dakinhar. Il-fatt li huwa deher aktar tard fil-filmat mill-appellant – meta suppost kien jaf li kien hemm kemm il-Pulizija kif ukoll tal-Birdlife, allura l-anqas jeskludi li jekk kellu responsabbilta

għall-isparaturi, huwa setgħa ħa l-miżuri meħtieġa biex ifarfar ir-responsabbilta minn fuqu u jevita li jinkrimina ruħu.

60. Del resto l-Pulizija ma sabitlu xejn fuq il-persuna tiegħu meta huwa resaq lejhom biex suppost itihom l-indikazzjonijiet. Iżda din il-Qorti ssibha wisq kumbinazzjoni kemm, Branco Fenech, magħruf li reċediv f'kaċċa illegali, kien f'dak il-post, f'dak il-ħin, meta kien hemm ajkli jtiru. Dan jingħad ukoll in kwantu fix-xhieda tagħhom u b'mod partikolari f'dik ta' PS 1141 Noel Tanti, l-uffiċjali tal-Pulizija jixhdu kif Fenech kien liebes flokk ħadrani – li jinħeba b'mod aktar faċli mal-ambjent ċirkostanti – mhux daqstant għan-nies, Pulizija jew tal-Birdlife, daqskemm għal dawk il-ħlejqiet li m'għandhomx il-perspikaċja u s-sagaċja ta' ħlejqa umana. Apparti minn hekk din il-Qorti qajla tara raġuni għaliex persuna bħal Branco Fenech, magħruf mal-Pulizija, kienet verament fuq il-post fejn ġiet maqtula l-ajkla de quo, liebes b'dak il-flokk ħadrani jiġbor il-plattini minn taħt ħarruba! Dawn ukoll kienu, minnhom infushom fatti suspettużi immens fil-konfront ta' Branco Fenech.

61. Dawn huwa parti mill-evidenza ċirkostanzjali f'dan il-każ li ma jħallux dak is-serħan il-moħħ f'din il-Qorti li tista' titqies bħala evidenza ċirkostanzjali univoka li fuqha tista tikkundanna lill-appellant ta' reat kriminali u tibgħatu l-ħabs. Għalkemm hemm probabbilita, li kien l-appellant li setgħa spara u qatel dik l-ajkla, aktar milli minn Branco Fenech, xorta jibqa' l-fatt li l-preżenza ta' Branco Fenech viċin ta' fejn kien l-appellant u viċin ukoll ta' fejn inqatlet l-ajkla in kwistjoni, mingħajr prova aktar soda dwar l-estranejta ta' Branco Fenech jew terzi oħra għall-isparaturi de quo, mingħajr prova sikura ta' minn fejn effettivament ġew sparati t-tiri fatali li qatlu lill-ajkla, u mingħajr prova ċerta dwar min spara dawn it-tiri, jdaħħal dubju dettat mir-raġuni dwar kemm jista' jingħad, li din l-evidenza ċirkostanzjali hija univoka u li tipponta lejn direzzjoni waħda u waħda biss, u ċjoe li b'sikurezza kien l-appellant, biss u ħadd floku, li spara u qatel dik l-ajkla. F'każ ta' dubju ta' din in-natura, id-dubju jrid bilfors imur favur l-akkużat. Almenu din hija r-regola li s'issa ġiet segwita minn dawn il-Qrati u hija regola li wirtu mit-tradizzjoni proċedurali penali anglosassoni.

62. Dan id-dubju raġonevoli jinbet ukoll għaliex minkejja li l-filmat tal-Birdlife Malta seta' ħoloq suspett raġonevoli f'Justin CHETCUTI bħala l-kaċċattur li kien spara u qatel lil dik l-ajkla, daqstant ieħor ma jeskludix li tali azzjoni setgħet saret minn xi ħadd ieħor. Del resto kemm Paolo Lago Barriedo kif ukoll Janina Laurent xehdu li minn fejn kienu ma setgħux jaraw min kienet il-persuna li sparat għal fuq

it-tajra. F’paġna 157 tax-xhieda tiegħu Paolo Lago Barriedo jgħid hekk:

> Yes in my video you see a bird that was shot down, you can hear the shots and you can see a person appearing from the area where the bird was shot down shortly after. But exactly the person shooting to the bird in the same second you cannot see it, but definitely the person came from the same location.

63. F’paġna 163 tax-xhieda tagħha Janina Laurent tgħid hekk:

> I could not see who was shooting.

64. Il-Prosekuzzjoni tisħaq ukoll li parti mill-evidenza ċirkostanzjali li torbot lill-appellant mal-qtil tal-ajkla de quo kienu t-tip ta’ skrataċ li nstabu mill-Pulizija fil-punt propju fejn l-appellant jidher jarmi xi ħaġa għal f’għalqa. L-Ispettur Pierguido Saliba f’paġna 136 tax-xhieda tiegħu jgħid is-segwenti :

> Mill-istqarrija li kienet ittieħdet meta konna qed naraw anki ħabba d-daqs taċ-ċomb, Justin CHETCUTI kien qalilna li mar għal gallina, issa mir-riċerka li għamilt jiena l-gallina huwa għasfur li tista’ tikkaċjah mas-sbieħ, dak iċ-ċans li jkollok, apparti mill-fatt li l-gallina huwa għasfur żgħir allura trid ċomb ta’ daqs żgħir. Ir-raġuni hija li jekk inti tisparalha b’ċomb ta’ daqs ikbar kull ma jifdallek rix u par saqajn forsi, iċ-ċomb li kien rama’ wara li kien skarika Justin CHETCUTI kien ta’ daqs tant kbir li naħseb lanqas is-saqajn ma konna nsibu tal-gallina. Dan ibbażat fuq l-esperjenza tiegħi relatata mal-armi tan-nhar u mal-ballistika tagħhom. Apparti għall-fatt li l-ħin li kien hemm Justin CHETCUTI għal kaċċa mhux kompatibbli mal-kaċċa tal-gallina, d-daqs tat-tir mhux kompatibbli mal-kaċċa tal-gallina u t-tir oħxon li jintuża speċifikatament biex ikollu momentum aħjar biex ikun jista’ jitla’ iżjed fil-għoli. L-għasafar tal-priża huma dawk li ħa jitilgħu fil-għoli u għalhekk jintuża ċomb kbir, ċomb kbir jintuża biss biex tikkaċja għasafar ikbar, l-għasafar il-kbar ma kinux permissibbli fl-istaġun li kien miftuħ..

65. F’dan il-każ l-Ispettur Pierguido Saliba, li kien Spettur adett ma Taqsima oħra tal-Korp, iżda li f’dan il-każ kien qiegħed ikopri lill-Ispettur tal-ALE għal dakinhar, ma jistax jitqies bħala xi espert ballistiku; lanqas ma ġie maħtur espert tal-Qorti biex jixhed fuq il-kwalita’ tal-iskrataċ misjuba mill-Pulizija f’dak il-punt propju fejn l-appellant deher jarmi xi ħaġa minn idejh fil-filmat. Din il-Qorti tqis li ġie pruvat b’ċertezza li l-appellant kien qiegħed fil-post għall-kaċċa, iżda dan kien fi staġun miftuh. Din il-Qorti tqis li, probabbilment l-appellant kien ukoll interessat fl-ajkli li żgur ra jtiru fl-akwati ta’ fejn kien qiegħed jikkaċja u ma teskludix ukoll li, probabbilment, seta’ kien imħajjar li jittenta jikkaċja xi waħda minnhom. Iżda dan ma

jfissirx li l-każ tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ġie pruvat bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

66. Iżda fattur ieħor li ħasseb lil din il-Qorti huwa l-fatt kif jekk l-appellant kien dak li kien għadu kif spara fuq l-ajkla, u minn fejn kien setgħa jara li kien laqatha u ra nieżla, wieħed kien jistennieħ li kien sejjer imur biex, kemm jista' jkun malajr, isib fejn kienet din it-tajra ħalli jiġborha u mhux iħalliha hemm – f'post fejn setgħet tinġabar minn ħaddieħor floku. Għalhekk jekk dan kien il-każ, kellu għalfejn l-appellant, fis wara li spara lejn din l-ajkla, joqgħod jieħu l-briga li jerġa jimla l-kanen tas-senter b'żewġ skrataċ oħra **<u>u jikkargahom</u>**, iżda ma jisparahomx, fis wara li kien għadu kif laqat ajkla u f'mument fejn ma derhitx tajra oħra simili f'dik iz-zona? Din hija ċirkostanza oħra mingħajr spjegazzjoni li tirriżulta mill-atti, iżda li kompliet tnissel l-element tad-dubju raġonevoli dwar min effettivament spara lejn din l-ajkla u qatilha.

67. Kif intqal, aktar tard mal-jum, il-Pulizija sabu żewġ skrataċ li kienu jidhru mormija mill-appellant f'għalqa, u li dawn iż-żewġt iskrataċ irriżultaw li kienu kkargati iżda mhux sparati. Dan jindika li l-appellant, f'dak il-waqt, kien bi ħsiebu juża dawk l-iskrataċ in kwantu kieku ma kienx jikkargahom. Iżda mill-banda l-oħra li hu żgur huwa li dawn l-iskrataċ ikkargati ma setgħux kienu dawk li ġew sparati biex inqatlet l-ajkla de quo u dan peress li dawn l-iskrataċ kienu għadhom mhux sparati. Din il-Qorti tista' temmen dak li qal l-Ispettur li dawn huma skrataċ li jintużaw fuq għasafar tal-priża aktar milli fuq il-gallina. Iżda b'dan ifisser li ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dawn it-tip ta' ċomb f'dawn l-iskrataċ jintużaw biss fuq l-ajkli jew tajr tal-priża? Għalkemm l-użu ta' dan id-daqs ta' ċomb misjub f'dawn iż-żewġ skrataċ huwa projbit, mill-banda l-oħra ifisser biss li dan iċ-ċomb jista' jintuża biss fuq tajr tal-priża, u mhux ukoll, **<u>anke jekk mhux b'mod legali</u>**, fuq tajr ieħor fi staġun tal-kaċċa miftuħ li ma jkunx tajr tal-priża?

68. Dwar dan il-punt realttiv għad-daqs taċ-ċomb, dil-Qorti tosserva kif għalkemm jirriżulta mir-rappreżentant tad-WBRU li l-ajkla in kwistjoni ġiet maqtula minn **gunshot wounds**, ma jirriżultax li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġew preżentati dokumenti li jindikaw l-awtopsja fuq it-tajra. Ma kienx possibbli għal din il-Qorti li tirċievi dan id-dokument mingħand dan ix-xhud u b'hekk din il-Qorti mhix f'posizzjoni li tikkonferma bi prova sal-grad rikjest mill-Liġi jekk id-daqs taċ-ċomb li bihom inqatlet l-ajkla in kwistjoni kienx jaqbel mad-daqs taċ-ċomb li instab fuq il-persuna tal-appellant jew almenu

kienx kompatibbli mad-daqs taċ-ċomb li nstab fiż-żewġ skrataċ li kienu ġew mormija mill-appellant fl-għalqa u li ġew miġbura mill-Pulizija aktar tard matul dak il-jum.

69. Apparti minn hekk, f'dan il-każ ma tresqitx il-prova tat-tliet iskrataċ li kienu sparati u li setgħu jitfgħu dawl fuq kemm kienu kompatibbli mad-daqs taċ-ċomb li qatel lill-ajkla. Din il-Qorti tifhem li l-Pulizija setgħu kellhom diffikulta biex jidentifikaw dawn l-iskrataċ, kif del resto jirriżulta mix-xiehda tal-Ispettur Saliba. Iżda minkejja dawn id-diffikultajiet, jibqa' l-fatt li dawn l-iskrataċ setgħu kienu pedina oħra importanti fil-każ tal-Prosekuzzjoni; u l-fatt li dawn ma ġewx miġbura u eżebiti f'każ bħal dan huwa fatt li jrid ukoll jittieħed in konsiderazzjoni fl-isfond tal-assjem tal-provi prodotti u l-argumenti imresqa mill-partijiet.

70. Jiġi ribadit li l-livell tal-probabbli jew il-preponderanza tal-provi huwa l-livell ta' suffiċjenza probatorja li bis-saħħa tiegħu min irid jiġġudika l-fatti jista' jqis li hemm aktar probabbilita, aktar iva milli le, li l-fatt ikun seħħ skont kif tipprospetta parti aktar mill-parti l-oħra; u huwa l-livell ta' suffiċjenza probatorja li huwa tajjeb għal kawżi ċivili, iżda mhux tajjeb biżżejjed biex jissodisfa l-piż tal-prova f'kawżi kriminali, bħal ma hija din il-kawża. Din il-Qorti, in kwantu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali – u mhux Qorti Ċivili, ma tistax issib lil xi persuna ħatja ta' reat kriminali, tikkastigaha u tibgħata l-ħabs jew timmultaha fuq provi li jwasluha sal-grad tal-probabbilta tal-ħtija jew tal-preponderanza tal-provi. Huma meħtieġa provi li jikkonvinċuha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni; u f'dan il-każ, dan il-grad ta' prova ma jistax jingħad li ġie milħuq mill-Prosekuzzjoni.

71. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma tħossx li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u l-ewwel aggravju tiegħu qiegħed jiġi milqugħ f'dan ir-rigward.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

72. It-tieni u t-tielet imputazzjoni huma bbażati fuq ir-regolament numru 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi liema regolament jipprojibixxi l-kaċċa u l-insib b'dawk l-instrumenti

elenkati fis-subartikolu 1 tal-isemmi regolament fosthom, dak l-apparat imsejjaħ birdcaller :-

> (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi wieħed mill-metodi li ġejjin: ...

73. L-appellant jikkontendi s-sejbien tal-ħtija f'dan ir-rigward għaliex jgħid li l-**birdcaller** ma nstabx fuq il-persuna tiegħu imma nstab f'vettura li a sua volta ma ġietx ippruvata li kienet isejjaħ lill-appellant. Isostni wkoll li l-**birdcaller** li nstab fil-vettura kien mitfi u għalhekk ma setax intuża għall-kommissjoni ta' dan ir-reat. Din il-Qorti tibda billi tosserva kif id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 subinċiż wieħed ma jitkellimx biss fuq l-użu ta' **birdcaller** fil-mument li persuna tkun qiegħda tikkaċja jew tkun qiegħda tipprova tikkaċċja iżda jitkellem ukoll fuq il-**pussess** ta' birdcaller. B'dan il-mod kwindi l-liġi tikkreja żewġ xenarji u ċjoe' xenarju ta' fejn persuna tinqabad fl-att li qiegħda tuża jew tipprova tuża dan l-apparat jew sitwazzjoni ta' fejn għalkemm ma nqabditx tużah, il-**birdcaller** xorta kien fil-pussess tagħha. F'dan il-każ ma rriżultax li l-appellant kien qiegħed juża l-bird caller meta kien qiegħed jikkaċċja.

74. Iżda f'dan il-każ il-**birdcaller** instab f'vettura li mix-xhieda ta' PS 1141 Noel Tanti tirriżulta li kienet ta' Justin CHETCUTI in kwantu meta l-Pulizija għamlu l-verifiki tagħhom u ċemplu lil sid dik il-vettura li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni EAH 318, fuq il-post tfaċċa Justin CHETCUTI. Għalhekk isegwi li dakinhar tat-2 ta' Novembru 2016, l-appellant CHETCUTI kien fil-pussess materjali ta' **birdcaller** hekk kif projbit fid-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(1)(d) tal-imsemmi regolamenti. Iżda ma jistax jingħad fl-istess waqt li, bil-fatt li kien qiegħed iżomm **birdcaller** fil-vettura tiegħu, parkeġġata l-bogħod minn fejn kien qiegħed jikkaċċja, u mitfija fil-mument li tkun instabet, l-appellant kien qiegħed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jew jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur billi juża l-metodu tal-**birdcaller**.

75. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjoni numru tlieta fis-sens tar-regolament 7(2) tal-Liġi Sussidjarja 549.42 iżda mhux ukoll l-imputazzjoni numru tnejn fis-sens tar-regolament 7(2) tal-Liġi Sussidjarja 549.42.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tar-raba' u ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

76. Din il-Qorti terġa tirribadixxi li m'għandhiex dubju li dik il-persuna li fil-filmat dehret mingħajr flokk u bi flokk abjad imdawwar ma' qaddha kienet l-appellant CHETCUTI. In oltre, din il-Qorti wkoll diġa kellha opportunita' li tosserva kif mgħandha ebda dubju li CHETCUTI fil-filmat u senjatament fil-mument li jimmarka 03.20 deher jarmi xi ħaġa. F'dan ir-rigward l-Ispettur Pierguido Saliba f'paġna 134 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> Mela kien hemm search fl-akkwata ta' fejn kien hemm, **ta' fejn ġew jidhru mormija l-iskartoċċ l-aħmar u l-iswed u l-unika skrataċċ li kien hemm kienu dawk l-aħmar u l-iswed li ġew elevati**.[17] Filfatt PS 130 l-ewwel ċempilli qalli ma setgħa jsib xejn, imbagħad wara bid-direzzjoni tiegħi minn fuq il-video beda jsir kollaborazzjoni fiżika minn fuq il-post u hemmhekk sab l-iskrataċ illi ġew elevati kienu tal-istess kulur u l-istess daqs li dehru fuq il-video, li sar l-analiżi fuqhom.

77. Dwar il-mod ta' kif saret it-tfittxija għal dawn l-iskrataċ f'paġna 124 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> ..fejn baqa' jinsisti li ma kien rama xejn avolja kont rajt fuq il-filmat u allura ordnajt lis-Surġent Roderick Farrugia PS130 sabiex jieħu lil Justin CHETCUTI fuq il-post biex isibu dawn l-iskrataċ. Sa dan it-tant kien diġa' beda jidlam u allura ma tantx setgħu jaraw l-affarijiet. Ċempilli qalli li mhux qiegħdin isibuhom, allura jien minn naħa tiegħi tellajt il-filmat u bdjet niddiskrivilu, **għandek il-knatan, u maġenb il-ktatan niddiskrivilu l-ammont ta' kemm hemm knatan mimdudin, għidtlu minn hemmhekk direzzjoni lejn barra, u mill-istruzzjonijiet li bdejt intih minn fuq it-telephone s-Surġent 130 sab l-iskrataċċ fil-post fejn jiena stajt nara**. Issa hawnhekk qiegħed jirriżulta...filfatt kien appuntu fuq dan il-filmat li kienu nstabu dawn l-iskrataċċ għax **ma setgħux jinstabu skrataċċ oħrajn fl-akwati**, u bid-deskrizzjoni li bdejt nagħti lis-Surġent 130 mbagħad sab dawn l-iskrataċċ **fl-istess kulur, fl-istess ammont fid-direzzjoni li ġiet deskritta minni[18]** waqt li kont qed nara l-filmat u nagħti d-direzzjonijiet fuq it-telephone. Jien kont fl-uffiċju u s-Surġent 130 kien flimkien ma' Justin CHETCUTI fuq il-post fejn hu ndikat hawnhekk. Filfatt kif qed tara Sur Imħallef mid-deskrizzjonijiet ta' kif qegħdin il-knatan differenti madwar il-ħajt, kemm dawk mimdudin, allura stajt nagħti deskrizzjoni tajba mhux

---

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.
[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

ħażin u anki l-lokazzjoni tas-siġra li mbagħad użajt biex speċifikajt lis-Surġent 130.

78. Fid-dawl ta' dak li xehed l-Ispettur Pierguido Saliba, din il-Qorti tqis li l-investigazzjoni li saret da parte tal-Pulizija f'dan ir-rigward ma tħalli ebda dubju dwar il-fatt li dak li deher jarmi l-appellant fil-filmat kienu effettivament l-iskrataċ li sab PS 130 fil-post indikat mill-Ispettur Pierguido Saliba hu u jsegwi b'reqqa il-filmat. Din il-Qorti, kif diġa ngħad aktar 'il fuq, rat il-filmat enumerat wieħed (1) u għalhekk rat li l-partikolaritajiet deskritti mill-Ispettur Pierguido Saliba kienu tali li verament setgħu jwasslu lis-Surġent 130 sabiex jasal għal-lok preċiż ta' fejn dik il-persuna maskili tal-filmat jidher li remiet xi ħaġa. Din il-Qorti tħoss ukoll li mill-investigazzjoni tal-Pulizija kienu kapaċi jirrisalu għall-kulur ta' dawk l-iskrataċċ li deher jarmi l-appellant fil-filmat liema kulur effettivament jidher li jaqbel mal-iskrataċ li nstabu fil-post indikat mill-Ispettur Pierguido Saliba hu u jiffoka fuq il-filmat.

79. Sussegwentement, dawn l-iskrataċċ li nstabu ġew mgħoddija lil PS 404 Paul Camilleri sabiex issir l-analiżi ballistika tagħhom. Minn l-analiżi li saret u liema rapport jinsab a foljo 39 tal-atti proċesswali, irriżulta li l-iskartoċċ tal-plastik aħmar kien ta' daqs 4.4.mm u dak tal-plastikk l-iswed kellu daqs taċ-ċomb 3.8mm. Mix-xhieda tal-Ispettur Pierguido Saliba[19] jirriżulta wkoll li dawn l-imsemmija skrataċċ kienu kkargati:

> Dr. Cachia: Jiġifieri jekk fhimtek sew dawn l-iskrataċċ li nstabu dawn l-aħmar u l-iswed li nstabu fil-filmat, dawn kienu mhux użati, ma kinux ikkargati xejn.
> Xhud: **Le kienu kkargati[20]** imma mhux sparati.
> Dr. Cachia: Mhux sparati jiġifieri dawn.
> Xhud: Ikkargati mhux sparati. L-extractor intuża fuqhom imma l-firing pin le. Ħa npoġġieha hekk ħalli ninftiehem aħjar.

80. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti għalhekk tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għall-ksur tal-regolament 22 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi skont kif ipotizzat fir-raba' imputazzjoni.

[19] Ara fol. 134 tal-atti proċesswali.
[20] Enfasi ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

81. Għal dak li jirrigwarda l-ħames imputazzjoni, din il-Qorti tippremetti li dak li jrid jiġi ppruvat huwa li CHETCUTI, meta rema' dawn l-iskrataċ, kien qiegħed jagħmel hekk sabiex jissoprimi, jew jeqred jew ibiddel it-traċċi ta' reat. Din il-Qorti tqis li tara kemmxejn stramba li CHETCUTI rema' dawn l-iskrataċ f'perjodu ta' żmien li kien miftuħ għall-kaċċa. Jekk l-appellant kien qiegħed bis-sew, u kien jaf li kien qiegħed bis-sew, ma kellux għaliex jarmihom fl-għalqa hekk kif jidher fil-filmat. Din il-Qorti diffiċilment temmen li CHETCUTI bħala kaċċatur ma kienx jaf li kien fil-pussess ta' skrataċ li l-liġi tipprojbixxi minħabba li kienu ta' dimensjoni ikbar minn dawk permessi.

82. Din il-Qorti tosserva wkoll kif skont il-Membri tal-Birdlife li kienu qiegħdin jiġbdulu l-filmat, huwa rema' dawn l-iskrataċ fil-mument li induna bil-preżenza tagħhom. Dan il-fatt ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li CHETCUTI kien konsapevoli tal-fatt li kien qiegħed jagħmel xi ħaġa vjetata mill-Liġi u li għalhekk kien ikun aħjar jekk jarmi dawk l-iskrataċċ u jiddissoċja ruħu minnhom. Altrimenti ma kellux għalfejn jarmihom.

83. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant anki għal ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**L-Aggravju dwar il-Piena.**

84. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

85. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma

jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

86. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

87. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis li l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet tirrentra fil-parametri legali. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi l-piena erogata trid issa tirrifletti l-kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. In oltre, din il-Qorti tosserva wkoll kif għalkemm jirriżulta mill-fedina penali tal-

appellant li dan ma kienx l-ewwel ksur tiegħu tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, ma ġiex ippruvat illi huwa reċediv in kwantu ma ġietx esebita s-sentenza hekk indikata fl-imsemmija fedina penali.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li:

1) Tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tilliberah minnhom;
2) Tikkonferma s-sentenza appellata fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabitx ħtija fl-appellant għall-addebitu tar-reċediva;
3) Tikkonferma s-sentenza appellata fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgħa u ħamsa;
4) Tħassar is-sentenza appellata għal dak li jirrigwarda l-piena inflitta u minflok tikkundannah għall-piena ta' tlett (3) xhur priġunerija iżda li wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sentejn millum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti qiegħda wkoll tagħti spjegazzjoni tal-import ta' din is-sentenza u qed tispjega lil ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.
5) Inoltre, il-Qorti tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500).
6) In oltre, tħassar ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzji u minflok tordna s-sospensjoni tal-liċenzja għal perjodu ta' sentejn mil-lum.

Il-Qorti qiegħda tordna wkoll il-konfiska tal-**corpus delicti** ai termini tar-regolament 27(3)(a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, L.S. 549.42.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**